# QORTI ĊIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF

## ROBERT G. MANGION

## Illum, 26 ta' Novembru 2020.

**Rikors Revoka Numru. 724/19 RGM**

**Rikors preżentat minn Epsilon Malta Ltd għat-tħassir tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 100/19 mahrug nhar il-25 ta' Jannar 2019 fl-ismijiet:**

**KEVIN SAMMUT u KILOBITE TECH LTDD**

**VS**

**EPSILON MALTA LTD**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' sekwestrata Epsilon Malta Ltd li permezz tieghu u ghar-ragunijiet hemm moghtija talbet li l-Qorti tirrevoka l-mandat kawtelatorju fuq imsemmi bis-sahha tal-Artikolu 836 (1) (c) (e) u (f) tal-Kap. 12.

Rat illi l-intimati sekwestranti debitament notifikati ma pprezentawx risposta;

Ikkonsidrat;

Illi fil-25 ta' Jannar 2019 Kevin Sammut u s-socjeta' Kilobite Ltd ottjenew il-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra s-socjeta' Epsilon ghas-somma ta' €37,760.00.

Illi fl-14 ta' Frar 2020 l-Bank of Valletta plc, qua sekwestratarju, iddepozita taht l-awtorita' tal-Qorti permezz ta' cedola numru 30/19 is-somma ta' €9,895.82

Illi fis-16 ta' April 2019 il-Bank of Valletta plc, qua sekwestratarju, iddepozita taht l-awtorita' tal-Qorti permezz ta' cedola numru 734/19 somma ohra fl-ammont ta' €27,864.18 [1]

Illi permezz ta' cedola ta' depozitu numru 2264/19 prezentata fit-28 ta' Novembru 2019 is-socjeta' sekwestrata Epsilon Malta Ltd iddepozitat taht l-awtorita' tal-Qorti s-somma ta' €181.07 rapprezentanti l-ispejjez in konnessjoni mal-mandat de quo.[2]

Ikkonsidrat;

**Artikolu 836 tal-Kapitolu 12** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi kif gej:

"(1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:

- omissis -

[1] Kopji tac-cedoli jinsabu annessi mar-rikors promotur
[2] Ara kopja prezentata b'nota fit-30 ta' Ottubru 2020

ċ) li jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-attkawtelatorju sew bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor,jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni; "

Illi jirrizulta ampjament illi l-ammonti depozitati bit-tlett cedoli fuq imsemmija jiprovdu garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjoni tas-sekwestranti.

Ghaldaqsant il-Qorti tqis illi t-talba hija gustifikata.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talba, tirrevoka l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 100/19 fl-ismijiet "Kevin Sammut et. vs Epsilon Malta Ltd." u tordna l-hrug tal-opportun kontro-mandat a karigu tas-socjeta' rikorrenti. Bl-ispejjez rizervati ghall-gudizzju finali fil-kawza dwar il-mertu.

**Onor. Robert G. Mangion**

**Imhallef**

26 ta' Novembru 2020

**Lydia Ellul**

**Deputat Registratur**